



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 11 ta' Novembru 2011
(OR. en)**

16717/11

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0312 (NLE)**

**AELE 53
EEE 48
ENER 365
ENV 861**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	9 ta' Novembru 2011
Nru dok. Cion:	SEC(2011) 1330 finali
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IV (Enerġija) mal-Ftehim ŻEE.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: SEC(2011) 1330 finali



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 9.11.2011
SEG(2011) 1330 finali

2011/0312 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
dwar emenda għall-Anness IV (Enerġija) mal-Ftehim ŻEE.**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-Komunità fil-Ftehim ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Anness IV (Enerġija) mal-Ftehim ŻEE sabiex jiġi inkorporat fid-Direttiva tal-Ftehim 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tressaq l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal adoxxjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-
ŻEE
dwar emenda għall-Anness IV (Enerġija) mal-Ftehim ŻEE.**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 114(1), 192(1), u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Anness IV għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi rigward l-enerġija.
- (2) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE² għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2009/28/KE tirrevoka d-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li hija inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk għandha tiġi rrevokata taħt il-Ftehim.
- (4) L-ilħuq tan-Norveġja tal-oġġettiv għas-sehem tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2020 jrid jitqies fil-kuntest tas-sehem kbir tal-enerġija rinnovabbli meta mqabbel mal-Istati Membri tal-UE, u l-inċertezza assoċjata mal-fornitura u mad-domanda inkorporati fil-kombinazzjoni ta' sistema idro għall-produzzjoni tal-enerġija u klima kiesħa'

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

³ ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

tal-

li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru ... ta'....¹
- (2) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE² għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2009/28/KE tirrevoka d-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li hija inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk għandha tiġi rrevokata taħt il-Ftehim.
- (4) L-ilħuq tan-Norveġja tal-oġġettiv għas-sehem tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2020 jrid jitqies fil-kuntest tas-sehem kbir tal-enerġija rinnovabbli meta mqabbel mal-Istati Membri tal-UE, u l-inċertezza assoċjata mal-fornitura u mad-domanda inkorporati fil-kombinazzjoni ta' sistema idro għall-produzzjoni tal-enerġija u klima kiesaħ

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 19 (id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi tħassar b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2012.
2. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 40 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 774/2010):

¹ ĠU L ...

² ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

³ ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33.

- ‘41. **32009 L 0028:** Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16)

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

- (a) Id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (b) It-tieni sentenza tal-Artikolu 3(1) m'għandhiex tapplika għall-Istat tal-EFTA.
- (c) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 4(2):

“In-Norveġja u l-Islanda għandhom jinnotifikaw il-pjanijiet tagħhom nazzjonali tal-azzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru [...], li tinkorpora d-Direttiva 2009/28/KE.”

- (d) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 22(1):

“In-Norveġja u l-Islanda għandhom iressqu rapport dwar progress fil-promozzjoni u l-użu tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli mill-31 ta' Diċembru 2013, u kull sentejn wara dik id-data. Il-ħames rapport, għandu jitressaq sal-31 ta' Diċembru 2021, għandu jkun l-aħħar rapport meħtieġ.”

- (e) Dawn li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt A tal-Anness I:

	Sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali ta' enerġija, 2005 (S ₂₀₀₅)	Mira għal sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali ta' enerġija, 2020 (S ₂₀₂₀)
L-Islanda	55,0 %	64 %
Norveġja	58,2 %	67,5 %

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/28/KE bl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE⁴.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

⁴

[Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.] [Ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati.]